MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Referenza Kostituzzjonali Numru. 29/2008

Fl-Atti tar-Riferenza tad-19 ta’ Mejju, 2008, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.) fl-Atti tal-Kawża fl-ismijiet:

**IL-PULIZIJA**

vs

Nicolai (Nicolai-Christian) **MAGRIN**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Riferenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Mejju, 2008[1] (sedenti l-Maġistrat Dottor Giovanni Grixti LL.M., LL.D.) li permezz tagħha u fuq talba magħmula mill-avukat difensur tal-imputat Magrin b'verbal waqt is-smigħ ta' dak inhar stess, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi jintbagħtu quddiem din il-Qorti biex tistħarreġ is-siwi tal-ilment imqanqal mill-imsemmi imputat fis-sens li, fid-dawl ta' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu, 2008, huwa ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu bi ksur tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u dan taħt ir-regola tan-*ne bis in idem*;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ġunju, 2008, li bih appuntat ir-Riferenza għas-smigħ ta' nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ġunju, 2008, u ordnat li ssir in-notifika wkoll lill-Avukat Ġenerali;

Rat ir-Risposta mressqa mill-Avukat Ġenerali fl-10 ta' Lulju, 2008, li biha laqa' ghas-siwi tal-ilment tal-imputat billi qal li safejn din il-proċedura hija maħsuba biex tibdel sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li kellha eżitu negattiv għalih, ir-rikorrenti qiegħed jaġixxi b'mod abbużiv u fieragħ u vessatorju, għaliex il-proċedura kostituzzjonali m'għandhiex isservi bħala t-tieni appell fuq proċeduri ordinarji. Fil-mertu laqa' billi qal li l-Qorti tal-Appell Kriminali diġa' stħarrġet u sabet li m'huwiex il-każ ta' *ne bis in idem* fir-rigward tal-imputat. Għalhekk kulma għandha tagħmel din il-Qorti hu li teżamina biss jekk kienx hemm ksur tal-artikoli tal-liġi msemmija bla ma tidħol fil-fatti tal-każ. Iżid jgħid li, fit-tmexxija tal-każ kontra l-imputat fil-qrati ta' kompetenza kriminali, tħarsu sewwa l-prinċipji tan-*ne bis in idem* tant li l-proċeduri meħuda jittrattaw żewġ reati differenti u mhux l-istess reat. Jgħidu li bejn l-ewwel reat li kien mixi bih l-imputat (u li minnu nħeles) u t-tieni reat, kien hemm differenza f'element

[1] Paġġ. 55 – 6 tal-atti tal-akkuża

kostitutiv importanti, jiġifieri l-ħin li jingħad li fih twettaq ir-reat;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-14 ta' Lulju, 2008[2], li biha l-partijiet qablu li ma kellhomx provi oħrajn x'iressqu, u talbu li t-trattazzjoni tal-għeluq jagħmluha bil-miktub b'noti ta' sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imputat fit-28 ta' Awwissu, 2008[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Avukat Ġenerali fl-14 ta' Novembru, 2008[4], bi tweġiba għal dik tal-imputat;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-12 ta' Diċembru, 2008;

Rat l-atti kollha tar-Riferenza;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2008, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din ir-Riferenza saret lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaliex l-imputat qiegħed jgħid li bil-ħruġ mill-ġdid ta' Taħrika ta' Kawża min-naħa tal-Pulizija, qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx proċessat għal darb'oħra dwar reat li minnu kien diġa' nħeles b'sentenza ta' Qorti li saret ġudikat;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tar-Riferenza jirriżulta li fl-4 ta' Lulju, 2006, l-imputat kien akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli, fid-29 ta' April, 2006, għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħodu

[2] Paġ. 67 tar-Riferenza
[3] Paġġ. 68 sa 75 tar-Riferenza
[4] Paġġ. 77 sa 80 tar-Riferenza

(8.15 a.m.) fi Triq it-Torri, Sliema, waqt li kien qiegħed isuq vann (tal-għamla Peugeot) reġistrat FQZ-114, (1) b'manjiera traskurata, (2) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura riesaq lejn *pedestrian crossing* naqas li jnaqqas l-i*speed* u jieqaf waqt li kienet qed tiġi wżata mill-pubbliku, (3) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura FQZ-114 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi; (4) u aktar talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru. FQZ-114 fit-triq jew post pubbliku waqt li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt; (5) kif ukoll naqas li jipproduċi l-polza tas-sigurta' tal-vettura fi żmien skond il-liġi; (6) u aktar naqas li jipproduċi lill-Pulizija l-liċenza tas-sewqan skond il-liġi; u (7) kif ukoll b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Giuseppe Cuschieri skond kif iċċertifika Dr. John Littlejohn. Fl-istess akkuża, il-Qorti ntalbet ukoll li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzi kollha tas-sewqan;

Illi b'sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-24 ta' Ottubru, 2006[5], l-imputat ma nstabx ħati tal-imputazzjonijiet magħmulin kontrih u nħeles minnhom "billi jirriżulta li l-fatti li setgħu taw lok għall-akkużi ġraw f'ħin ferm differenti minn dak indikat fl-akkużi". L-inċident li dwaru kien tressaq akkużat seħħ f'xi ħin qrib it-tmienja ta' filgħaxija (8.00 p.m.)[6]. Ma sar l-ebda appell minn dik is-sentenza;

Illi b'Taħrika maħruġa fit-28 ta' Novembru, 2006[7], l-imputat ġie mixli bl-istess akkużi msemmijin fin-numri (1), (3), (4) u (7) li ssemmew fl-ewwel Taħrika, iżda b'bidla tal-ħin li fih allegatament seħħ l-inċident, jiġifieri fit-tmienja u kwart ta' filgħaxija. Fl-ewwel dehra tal-kawża fis-16 ta' April, 2007, il-Prosekuzzjoni talbet il-bidla ta' l-isem tat-tabib imsemmi fir-raba' imputazzjoni, liema talba ntlaqgħet mill-Qorti. Minnufih, hekk kif l-imputat laqa' n-notifika tal-Att kif

---

[5] Paġġ. 8 – 9 tal-atti tar-Riferenza
[6] Ara r-Rapport tal-Inċident, f'paġġ. 2 – 4 tal-atti tar-Riferenza
[7] Paġ. 1 tal-atti tar-Riferenza

mibdul, ressaq l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* u semma b'raġuni għal dik l-eċċezzjoni s-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-24 ta' Ottubru, 2006;

Illi b'sentenza mogħtija fit-22 ta' Ottubru, 2007[8], dik il-Qorti (aktar 'il quddiem tissejjaħ "il-Qorti Riferenti") laqgħet l-eċċezzjoni mqanqla mill-imputat u ħelsitu mill-imputazzjonijiet imressqin fil-konfront tiegħu. Dak inhar stess, il-Kummissarju tal-Pulizija ressaq Nota li biha iddikjara li kien fi ħsiebu jappella minn dik is-sentenza[9]. Ir-Rikors tal-Appell tressaq fit-2 ta' Novembru, 2007[10]. B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2008[11], il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali u ħassret is-sentenza tal-Qorti Riferenti u, biex ma ċċaħħadx lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, bagħtet il-każ lura lill-Qorti Riferenti biex tisma' u taqta' l-każ skond il-liġi;

Illi fis-smigħ tad-19 ta' Mejju, 2008[12], id-difiża tal-imputat qanqlet il-kwestjoni kostituzzjonali u l-Qorti Riferenti (bla ma għamlet l-ebda motivazzjoni jew mingħajr ma semmiet id-dispożizzjonijiet li taħthom tqanqlet il-kwestjoni) laqgħet it-talba u ordnat li l-atti tal-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur biex jinġiebu quddiem din il-Qorti. L-atti għaddew quddiem din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2008;

Illi fl-ewwel smigħ effettiv tar-Riferenza quddiem din il-Qorti, l-għaref difensur tal-imputat fisser li l-ilment kostituzzjonali kien imsejjes fuq l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi, għalhekk, il-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li din il-Qorti trid tistħarreġ huma jekk, bil-proċeduri li nbdew kontrih quddiem il-Qorti Riferenti, l-imputat hux tassew ġarrab jew qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jgħaddix proċess kriminali dwar l-istess fatt li dwaru kien diġà' għadda proċeduri oħrajn qabel;

---

[8] Paġġ. 15 – 20 tal-atti tar-Riferenza
[9] Paġ. 21 tal-atti tar-Riferenza
[10] Paġġ. 23 – 4 tal-atti tar-Riferenza
[11] Paġġ. 51 – 4 tal-atti tar-Riferenza
[12] Paġ. 55 tal-atti tar-Riferenza

Illi fl-ewwel "eċċezzjoni" tiegħu għal din ir-Riferenza, l-Avukat Ġenerali jgħid li l-istess Riferenza hija waħda fiergħa, ladarba s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali kienet warrbet l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*. Huwa jgħid li din ir-Riferenza hija bħallikieku appell minn dik is-sentenza tal-Qorti tat-tieni istanza. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument. Ir-Riferenza saret għaliex l-imputat qiegħed jiffaċċa proċeduri dwar fatt li dwaru kien tressaq żmien qabel fi proċeduri oħrajn u li dwarhom kienet ingħatat sentenza li saret ġudikat[13]. Din il-Qorti hija tal-fehma li Riferenza taħt dawn iċ-ċirkostanzi ma tistax tkun waħda fiergħa, u dan ukoll għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali la ntalbet u lanqas ma qieset l-appell tal-Avukat Ġenerali taħt l-aspetti tal-jeddijiet fundamentali, bħalma se' jkollha tagħmel din il-Qorti;

Illi, fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija jargumentaw ukoll li xogħol din il-Qorti hu biss li "trid teżamina jekk permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, inkisrux l-artikolu msemmija tal-Protokoll tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni" [14]. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-fehma għaliex hija fehma li tgħawweġ dak li tassew nissel il-ħtieġa tar-Riferenza. L-ilment ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali li dwaru saret ir-Riferenza lil din il-Qorti m'huwiex mibni fuq dak li iddeċidiet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, imma fuq l-eżistenza nnifisha ta' proċedimenti kriminali ġodda meħuda kontra l-imputat. Kulma għamlet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kien li żammet fis-seħħ dawk il-proċedimenti u **l-fatt li dawk il-proċedimenti għadhom fis-seħħ** joħolqu l-interess ġuridiku biex din il-Qorti tistħarreġ is-siwi tal-ilment tal-imputat;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-kwestjoni taħt iż-żewġ dispożizzjonijiet li fuqhom tqiegħdet;

## A) L-Aspett Kostituzzjonali tal-prinċipju tan-*ne bis in idem*

---

[13] Ara P.A. **10.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Kummissarju tat-Taxxi Interni et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.525**)
[14] Ara paġ. 78 tal-atti tar-Riferenza

Illi l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn proċediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tista' terġa' titressaq mixlija fi proċeduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel proċediment, għajr fuq ordni ta' Qorti ogħla mogħti matul il-kors ta' appell jew proċedura ta' reviżjoni tal-ewwel proċess. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diġa' ngħatat maħfra. Tali prinċipju jsib ix-xbieha tiegħu ukoll fil-Kodiċi Kriminali, fil-każ fejn persuna mixlija tinħeles mill-akkużi mressqin kontriha[15];

Illi l-imsemmi sub-artikolu (9), jagħmel parti minn dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni li jħares id-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi mogħti lil kull persuna akkużata b'reat;

Illi huwa wkoll stabilit[16] li l-prinċipju tan-*ne bis in idem* imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess. Dan il-prinċipju jidher li huwa l-verżjoni tad-dritt penali ta' dak il-prinċipju l-ieħor tar-*res judicata* li jikkostitwixxi eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju fil-qasam tal-proċedura ċivili;

Illi jidher f'dan ir-rigward li għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) jixxiebhu ma' dawk tal-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni f'dak li huwa l-qofol tal-prinċipju maħsub, bl-ebda mod ma jista' jsir tqabbil tagħhom fuq il-livell ta' applikazzjoni jew tifsir[17]. Għalhekk, meta wieħed iqis il-prinċipju tan-*ne bis in idem* għall-finijiet ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem, wieħed

---

[15] Art. 527 tal-Kap 9

[16] Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)

[17] Ara, per eżempju, Kost. **20.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i. 370, a fol 382** *et seq*) għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova

irid iżomm sewwa quddiem għajnejh id-differenza bejn il-livell kostituzzjonali u dak konvenzjonali;

Illi, kif ingħad, dan is-sub-artikolu fil-Kostituzzjoni jagħti ħarsien usa' lill-persuna mixlija minn dak mogħti mill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali, sewwasew għaliex jgħolli l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* għal-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali għandha l-jedd tirrikorri għall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali. Iżda dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni huwa mliġġem b'eċċezzjoni (li f'dan il-każ tal-lum m'hijiex rilevanti) li ma tinsabx fid-dispożizzjoni korrispondenti tal-Konvenzjoni;

Illi, minbarra dan, l-istħarriġ tal-allegazzjoni imqanqla minn parti mixlija b'reat li dik il-proċedura hija ripetizzjoni ta' proċedura bħalha li diġa' kienet ittieħdet kontriha għall-istess reat għandu jsir mill-Qorti li quddiemha titqanqal l-imsemmija eċċezzjoni. Sakemm dan isir u l-fatt li dan isir, huwa meqjus bħala stadju proċedurali li jżomm milli jseħħ ksur tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni[18];

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku tagħna, wieħed iqis li jeħtieġ jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt. Kif ingħad, "*Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wieħed għandu jifhem il-fatt fiżikament rigwardat, konsistenti għalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tiegħu. Mhux biżżejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oġġett; hekk, per eżempju, min f'okkażjoni partikolari jagħmel ħsara volontarja fuq proprjeta' ta' ħaddieħor u f'okkażjoni oħra jerġa' jagħmel l-istess tip ta' ħsara fuq l-istess proprjeta' ma jista' bl-ebda mod jeċepixxi r-res judicata*"[19]. Madankollu, għall-finijiet ta' stħarriġ ta' ksur ta' jedd fundamentali – kif ingħad aktar

[18] P.A. (Kost) **10.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Kummissraju tat-Taxxi Interni et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.525**)
[19] App. Krim. Inf VDG **19.2.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Vella et*** (mhix pubblikata)

qabel – tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, filwaqt li l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar "l-istess fatt"[20], l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "(l-istess) reat";

Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa prinċipju aċċettat li, bi tħaddim tar-regola tan-*ne bis in idem*, "*The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act*"[21];

Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira mogħtija lill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali hija b'mod tali li żżomm milli persuna terġa' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diġa' tressqet taħt proċedura li ntemmet b'sentenza li saret ġudikat, wieħed jistenna li t-tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni għandu jkun jgħodd iżjed biex iħares dak il-jedd. Fi kliem ieħor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistgħux ikunu applikati b'xeħħa jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li tagħti l-"liġi ordinarja" kif tinsab fil-Kodiċi Kriminali;

Illi meta wieħed iqabbel l-akkużi mressqain kontra l-imputat fl-ewwel proċedura ma' dawk li qegħdin jitressqu issa fit-tieni proċedura, wieħed għandu jsib li l-akkużi kollha f'din it-tieni proċedura kienu msemmija, kelma b'kelma, fl-ewwel akkuża (liema Taħrika kellha tliet imputazzjonijiet oħra li ma jiffigurawx fit-tieni proċedura). Id-dispożizzjonijiet tal-liġi msemmija fiż-żewġ Taħrikiet huma l-istess fejn jirrigwarda l-akkużi komuni. Il-fatt li għalih jirreferu ż-żewġ Taħrikiet huwa l-istess[22];

Illi din il-Qorti tislet il-fehma li l-imputat għandu raġun iħoss li, bit-tieni proċediment li qiegħed jgħaddi minnu, qed iseħħ ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-

[20] Ara App. Krim Inf. PV **12.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Domenic Abela*** (mhix pubblikata)
[21] App. Krim. Inf. **15.11.1941** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar*** (kif imsemmija fil-ktieb "Recent Criminal Cases Annotated" tal-Prof. W. Harding)
[22] Tant li, fiż-żewġ proċedimenti, ix-xhud tal-Prosekuzzjoni sejjes ix-xhieda tiegħu fuq l-istess Rapport tal-Inċident

imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Meta wieħed iqabbel l-akkużi li kellu fl-ewwel proċediment ma' dawk li tressqu kontrih fil-proċediment attwali, wieħed isib li ċ-ċirkostanza ewlenija li tagħżel bejn tal-ewwel u tat-tieni hija l-ħin li fih allegatament seħħ il-każ. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi kostitutivi (l-"elementi essenzjali"), jiġifieri kemm dak materjali (l-"*actus*") u kemm dak formali (il-"*mens*") tar-reati ipotiżżati fiż-żewġ akkużi kontra r-rikorrent, jixxiebhu f'kollox. Il-ħin m'huwiex element kostitutiv tagħhom[23], u l-istess reati – jekk ippruvati kif imiss – jitqiesu bl-istess mod indipendentement mill-ħin li fih twettqu[24]. Lanqas ma jidher li huwa l-każ li l-ħin jikkostitwixxi xi element aggravanti ta' dawk ir-reati, iżda huwa biss ċirkostanza oħra li trid tirriżulta kif imiss biex torbot lill-persuna akkużata mal-fatt tal-ġrajja nnifisha;

Illi l-Avukat Ġenerali jisħaq li d-differenza fil-ħin bejn dak imsemmi fl-ewwel akkuża (li minnha r-rikorrenti nħeles) u dak imsemmi fit-tieni akkuża (li dwarha tressqet din ir-Riferenza) jagħmel non-"*idem*" għaliex jgħid li l-ħin tant kien element kruċjali, li minħabba n-nuqqas ta' indikazzjoni tajba tiegħu r-rikorrent inħeles mill-akkużi miġjuba kontrih. Din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument, l-iżjed meta tkejlu mal-kriterji ġurisprudenzjali msemmija aktar 'il fuq dwar x'jikkostitwixxi l-identita' tal-akkuża għall-finijiet tar-regola hawn mistħarrġa;

Illi għall-finijiet tal-istħarriġ ta' xejra kostituzzjonali li din il-Qorti ntalbet tagħmel, lanqas ma jidher li huwa rilevanti jekk ir-raġunament li wassal lill-Qorti tal-Maġistrati biex teħles lill-imputat mill-akkużi fl-ewwel proċediment kienx raġunament tajjeb jew jekk din il-Qorti taqbilx miegħu. Din il-Qorti lanqas tidħol fil-kwestjoni jekk messhiex intalbet waqt dawk il-proċedimenti xi korrezzjoni dwar il-ħin li fih seħħ l-inċident. Dak li jikkonċerna lil din il-Qorti hu jekk fil-fatt jeżistix il-ġudikat li jżomm milli persuna terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar l-istess fatti li jkunu l-bażi ta' dak

---

[23] Jidher li kemm l-Avukat Ġenerali u kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija jikkonċedu wkoll dan il-punt (ara paġ. 79 tal-atti tar-Riferenza)

[24] Ara, f'dan ir-rigward, QEDB **26.7.2007** fil-każ ***Schutte vs Awstrija*** (Applik. Nru. 18015/03) §§ 41 – 2

il-ġudikat[25]. F'dan il-każ, il-prova tas-sentenza li għaddiet f'ġudikat saret u toħroġ mill-atti tar-Riferenza nnifishom;

Illi fuq dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-proċeduri pendenti kontra l-imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati qiegħdin jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni;

B) **L-Aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* taħt il-Konvenzjoni.**

Illi, min-naħa l-oħra, l-aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* kif applikat taħt il-Konvenzjoni jieħu xejra xi ftit differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. Il-Qorti diġa' aċċennat għal dan aktar qabel, u l-istess ħaġa tennew il-Qrati tagħna wkoll f'xi każijiet li kienu jmissu din il-kwestjoni. L-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, li llum il-ġurnata jagħmel biċċa mil-liġi ta' Malta[26], jipprovdi li ħadd ma jista' jiġi ipproċessat jew ikkastigat għal darba oħra fi proċediment kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun ġie ipproċessat (kemm jekk ikun inħeles kif ukoll jekk ikun instab ħati) skond il-liġi u l-proċedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jagħmel eċċezzjoni fil-każ li, skond il-liġi u l-proċedura penali ta' xi Stat, każ jista' jerġa' jinfetaħ jekk ikun hemm provi ta' fatti ġodda li jkunu għadhom kif irriżultaw, jew jekk fl-ewwel proċediment ikun seħħ xi "vizzju fondamentali", li f'kull każ minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolġi l-każ. Ta' min jgħid li l-imsemmi artikolu ma jippermetti l-ebda deroga minn Stat marbut mill-Konvenzjoni;

Illi għalkemm ma jissemmiex fir-Riferenza, ma jistax jonqos li l-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti ma jżommx ukoll quddiem għajnejh dak li jipprovdi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, għaliex wieħed ma jistax iqis kif imiss l-implikazzjonijiet tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jekk mhux fid-dawl tal-imsemmi artikolu, kif sejjer jitfisser iżjed 'il quddiem f'din is-sentenza. Huma dawn id-dispożizzjonijiet li jitkellmu dwar il-prinċipju tan-*ne bis in*

[25] Ara App. Krim. Inf. **24.2.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Spiru Quintano*** (Kollez. Vol: **XXXIII.iv.591**)
[26] Bis-saħħa tal-Att XXI tal-2002, li daħal fis-seħħ fit-12 t'Ottubru, 2002 (A.L. 311/2002)

*idem*, li huwa meqjus bħala element ewlieni biex jiġi assikurat smigħ xieraq lil persuna u li jagħmel parti sħiħa mill-ġabra ta' garanziji li jobbliga lill-Istat li jiggarantixxi lil kull persuna mixlija b'reat li ma jinkisrux il-jeddijiet tagħha mogħtijin taħt dak id-dritt. Iżda wieħed m'għandux iwaħħad il-jedd tan-*ne bis in idem* mal-jedd ta' smigħ xieraq daqslikieku kienu l-istess ħaġa. Dan jgħodd iżjed u iżjed f'dan il-każ fejn l-imputat ma jsejjisx l-ilment tiegħu speċifikatament fuq ksur tal-jedd tiegħu għal smigh xieraq;

Illi, iżjed minn hekk, dak l-artikolu ma jżommx milli persuna tiġi suġġetta għal iżjed minn proċediment wieħed ta' karattru differenti, bħal fil-każ ta' teħid ta' proċeduri dixxiplinari u proċeduri kriminali kontra l-istess persuna fl-istess ġurisdizzjoni[27]. Iżda meta l-proċedimenti dixxiplinari jkunu ta' għamla u gravita' tali li jattiraw fuqhom l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jeddijiet maħsuba taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, allura dan iġib miegħu l-effett li jitqiesu wkoll dawk il-jeddijiet li jimxu id f'id mal-imsemmi artikolu, bħalma huwa l-prinċipju tan-*ne bis in idem* maħsub fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll;

Illi dak l-artikolu lanqas ma jżomm milli jittieħdu kontra l-istess persuna proċedimenti ta' għamla kriminali f'ġurisdizzjonijiet differenti dwar l-istess għamil. Fuq kollox, dak l-artikolu japplika biss dwar proċedimenti preċedenti li jkollhom it-timbru ta' ġudikat. Jidher li, għall-finijiet tal-Konvenzjoni, deċiżjoni titqies bħala ġudikat meta tkun irrevokabbli u meta ma jkun għad fadal l-ebda rimedju ieħor disponibbli għall-partijiet li jista' jibdel dik id-deċiżjoni[28];

Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza jew deċiżjoni li tiswa (għalkemm m'hux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess reat warajha;

Illi huwa stabilit ukoll li l-jedd imħares taħt l-imsemmi artikolu m'huwiex limitat biss għall-ħarsien li persuna ma

[27] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 569
[28] Ara t-tifsira mogħtija fit-Tielet Skeda mehmuża mal-Att XIV tal-1987 li hija silta mir-Rapport Spjegattiv għas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, par. 22

tinstabx ħatja darbtejn tal-istess reat, imma li l-persuna ma ġġarrabx iżjed minn proċess wieħed dwar dak ir-reat, u għalhekk, l-artikolu jgħodd ukoll fejn persuna tkun diġa' tressqet fuq proċeduri li jintemmu bla sejbien tal-ħtija tagħha. Dan għaliex dak l-artikolu jiġbor fih tliet garanziji differenti minn xulxin, u jiġifieri li l-ebda persuna m'għandha (i) tkun suġġetta li titressaq, (ii) titressaq jew (iii) tinstab ħatja aktar minn darba tal-istess offiża[29];

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent tressaq mixli b'reat marbut ma' inċident li fih, hu u jsuq, tajjar lill-passant Ġużeppi Cuschieri u tiegħu ma nstabx ħati. Minn dik is-sentenza ma sar l-ebda appell mill-Prosekuzzjoni. Għalhekk, dik is-sentenza saret ġudikat. Ftit taż-żmien wara, il-Pulizija reġgħet xliet lir-rikorrent b'reat ieħor marbut mal-inċident li fih tajjar lil Ġużeppi Cuschieri. Kien hemm xi bidliet bejn l-ewwel akkuża (li minnha r-rikorrent inħeles) u t-tieni akkuża (dik li dwarha issa tressqet din ir-Riferenza), l-iżjed dwar il-ħin illi fih allegatament seħħ ir-reat;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li din it-tieni xilja hija "*bis*" fir-rigward tal-ewwel waħda. Ma ntweriex li r-rikorrent kien involut f'aktar minn inċident wieħed dak inhar u f'dak il-post. Għalhekk, ma jistax ikun hemm l-ebda dubju li dak li r-rikorrent ried iwieġeb (jew għad irid iwieġeb) għalih kien marbut mal-istess episodju;

Illi l-Qorti tifhem li r-regola maħsuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll ma żżommx milli bniedem jitressaq mixli iżjed minn darba dwar xi fatt, jekk dak il-fatt jew dak l-għamil ikun jikkostitwixxi aktar minn reat wieħed. Dak li jipprovdu l-imsemmija artikoli hu li persuna ma tistax titressaq mixlija bl-istess reat li minnu tkun diġa' għaddiet proċeduri – kemm jekk taħthom instabet ħatja u kemm jekk kienet inħelset – li jkunu ntemmu b'sentenza li saret ġudikat. Għalhekk, il-fatt waħdu li, f'xi ċirkostanzi, jista' jkun hemm id-duplikazzjoni ta' proċedimenti – l-aspett tal-"*bis*" – m'għandux ikun il-kejl waħdieni li bih jitqies jekk ikunx hemm tassew ksur tar-regola maħsuba f'dawk l-artikoli;

[29] QEDB **20.7.2004** fil-każ ***Nikitin vs Russja*** (Applik. Nru. 50178/99) § 36

Illi l-kwestjoni li tibqa' hi dwar jekk dak il-"*bis*" huwiex dwar l-istess reat, jiġifieri l-element tal-"*idem*". Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-imputat jindika li dan l-element jirriżulta wkoll fil-każ tiegħu għaliex il-qofol tad-differenza bejn l-ewwel akkuża (fl-ewwel proċediment) u t-tieni waħda (dik attwali li dwarha saret din ir-Riferenza) hija dwar l-allegat ħin x'ħin seħħ il-fatt. Huwa jqis li l-essenzjalita' tar-reat li minnu nħeles u tar-reat li issa qiegħed jiġi mixli bih hija l-istess waħda. Fi kliem ieħor, l-imputat iqis li hu mhux biss qiegħed iġarrab il-"*bis*", imma wkoll l-"*idem*";

Illi l-istħarriġ ta' x'jikkostitwixxi l-"istess" reat minn dejjem kien wieħed li ħalaq kontroversja dwar il-kriterju li jmissu japplika. Huwa magħruf li lanqas il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma segwiet dejjem l-istess kriterju. Kemm hu hekk, jidher li xi drabi mxiet bil-kejl tal-"istess għamil"[30], filwaqt li, f'xi każijiet oħrajn, tqabbel mal-kunċett tal-konkors idejali fejn l-istess għamil jista' jnissel azzjonijiet differenti[31]. Kien hemm każi fejn dik il-Qorti żammet mal-kejl tal-"elementi essenzjali" tar-rejati milquta mill-proċeduri ripetuti[32]. Dawn il-kriterji differenti ma kinux qegħdin jgħinu wisq biex tinstab dik iċ-ċertezza tad-dritt meħtieġa għat-tifsir ta' dan il-jedd fundamentali, u dan kien iġib ħsara akbar meta wieħed iqis li dak il-prinċipju kien jitħaddem fi proċeduri ta' xejra kriminali, bħalma din il-Qorti issa għandha quddiemha;

Illi, madankollu, jidher li, f'dawn l-aħħar żminijiet, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fasslet kriterju maħsub biex jagħti "tifsira armonizzata" tal-kunċett tal-"istess reat". B'deċiżjoni meħuda mill-Grand Chamber, dik il-Qorti qalet li hija "*takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior*

[30] Eż. QEDB **23.10.1995** fil-każ ***Gradinger vs Awstrija*** (Applik. Nru.15963/90) § 55
[31] Eż. QEDB **30.7.1998** fil-każ ***Oliveira vs Svizzera*** (Applik. Nru. 25711/94) §§ 25 – 9
[32] Eż. QEDB **29.5.2001** fil-każ ***Franz Fischer vs Awstrija*** (Applik. Nru. 37950/97) § 25

*acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges levelled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused*[33]*. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings*"[34];

Illi minn dan it-tifsir ċar din il-Qorti terġa' tasal fl-istess fehma li waslet għaliha meta kienet qiegħda tqis il-kwestjoni taħt il-lenti tad-dispożizzjoni relattiva tal-Kostituzzjoni. Ma jidhrilhiex li għandha x'iżżid u għalhekk jirriżultalha li, taħt il-Konvenzjoni wkoll, l-ilment tal-imputat jirriżulta mistħoqq;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Twieġeb għall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali** bid-degriet tagħha tad-19 ta' Mejju, 2008, billi tgħid li l-proċeduri meħuda kontra l-imputat Nicolai Magrin u li

[33] F'dan ir-rigward, ara App. Krim. Inf **28.5.1993** fil-kawża ***Il-Pulizija vs Said*** (Kollez. Vol: **LXXVII.v.414**)
[34] QEDB (GC) **10.2.2009** fil-każ ***Sergey Zolotukhin vs Russja*** (Applik. Nru. 14939/03) §§ 82 – 4

għadhom qegħdin jinstemgħu mill-Qorti Riferenti jiksru l-jeddijiet tal-akkużat kemm taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni; u

Għalhekk **tordna** lir-Reġistratur sabiex jgħaddi lura l-atti tal-akkuża lill-Qorti Riferenti sabiex tiddisponi mill-każ skond din is-sentenza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------